REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 1351/2014

tat-18 ta' Diċembru 2014

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 692/2014 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/386/PESK tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentanta Għolja tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 692/2014 ([2]) jagħmel effettivi ċerti miżuri previsti fid-Deċiżjoni 2014/386/PESK, b'mod partikolari restrizzjonijiet fuq oġġetti li joriġinaw fil-Krimea jew f'Sevastopol u dwar l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-importazzjoni ta' tali oġġetti, kif ukoll restrizzjonijiet fil-kummerċ u fl-investiment li jikkonċernaw proġetti ta' infrastruttura fis-setturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija u li jikkonċernaw l-isfruttament taż-żejt, gass u minerali.

(2) F'konformità mar-Riżoluzzjoni 68/262 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tas-27 ta' Marzu 2014, il-Krimea u Sevastapol jibqgħu jitqiesu bħala parti mill-Ukraina. Il-Kunsill tal-Affarijiet Barranin tas-17 u t-18 ta' Novembru 2014 tenna li l-UE tikkundanna u mhijiex ser tirrikonoxxi l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol.

(3) Fit-18 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/933/PESK ([3]) li temenda d-Deċiżjoni 2014/386/PESK biex tipprovdi għal projbizzjoni fuq l-investimenti barranin kollha fil-Krimea jew f'Sevastopol. Dik id-Deċiżjoni tipprovdi wkoll għal projbizzjoni fuq is-servizzi relatati direttament mal-projbizzjoni fuq l-investiment, kif ukoll għal servizzi relatati ma' attivitajiet turistiċi, inklużi servizzi fis-settur marittimu, u fis-setturi tat-trasport, it-telekomunikazzjonijiet, l-enerġija u l-isfruttament ta' żejt, gass u minerali fil-Krimea jew f'Sevastopol. Twessgħet il-projbizzjoni preċedenti tal-esportazzjoni fuq oġġetti u teknoloġija fis-setturi tat-trasport, it-telekomunikazzjonijiet, l-enerġija u l-isfruttament ta' żejt, gass u minerali.

(4) Sabiex jiġi minimizzat l-effett ta' tali miżuri restrittivi fuq l-operaturi ekonomiċi u fuq il-popolazzjoni ċivili fil-Krimea jew f'Sevastopol, għandhom jiġu pprovduti eċċezzjonijiet u perjodi ta' tranżizzjoni.

(5) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-post tal-użu ta' oġġetti u teknoloġija għandu jiġi determinat abbażi ta' valutazzjoni ta' elementi oġġettivi, inklużi, iżda mhux limitatament għalihom, id-destinazzjoni tal-konsenja, il-kodiċijiet postali tal-konsenja, kwalunkwe indikazzjoni dwar il-post tal-konsum u indikazzjoni dokumentata mill-importatur. Il-kunċett ta' post ta' użu għandu japplika għal oġġetti jew teknoloġija li jintużaw kontinwament fil-Krimea jew f'Sevastopol.

(6) Il-projbizzjonijiet u restrizzjonijiet f'dan ir-Regolament ma għandhomx jinftiehmu bħala li jipprojbixxu jew jirrestriġu t-transitu fit-territorju tal-Krimea jew f'Sevastopol li jsir minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi tal-Unjoni jew entitajiet tal-Unjoni.

(7) Il-projbizzjonijiet u restrizzjonijiet f'dan ir-Regolament ma japplikawx għall-eżerċizzju ta' kummerċ leġittimu ma' entitajiet li jinsabu barra mill-Krimea u Sevastopol li joperaw fil-Krimea jew f'Sevastopol fejn ma jkun hemm ebda bażi raġonevoli biex jiġi determinat li l-oġġetti jew servizzi relatati jkunu għall-użu fil-Krimea u f'Sevastopol jew fejn l-investimenti relatati ma jkunux destinati għal impriżi jew xi kumpanija sussidjarja jew affiljata taħt il-kontroll tagħhom, li jkunu stabbiliti jew jinsabu [kompletament] fil-Krimea jew f'Sevastopol.

(8) Il-projbizzjoni tal-għoti ta' servizzi li jkunu direttament relatati ma' attivitajiet tat-turiżmu, inklużi servizzi tal-kruċiera, ma għandhomx jinftiehmu bħala li jkopru servizzi mogħtija għall-finijiet ta' sikurezza, sigurtà u emerġenza marittimi, bħal manutenzjoni, tiswija, sistemi ta' identifikazzjoni elettronika u komunikazzjoni, jew assigurazzjoni.

([1]) ĠU L 183, 24.6.2014, p. 70.
([2]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 692/2014 tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol (ĠU L 183, 24.6.2014, p. 9).
([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/933/PESK tat-18 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/386/PESK tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol (Ara paġna 152 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(9) Dawk il-miżuri jaqgħu fi ħdan l-ambitu tat-Trattat u, għalhekk, partikolarment bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni, konsegwentement għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2014/933/PESK. Ir-Regolament (UE) Nru 692/2014 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 692/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(h) 'entità fil-Krimea jew f'Sevastopol' tfisser kwalunkwe entità li jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju fil-Krimea jew f'Sevastopol, is-sussidjarji jew l-affiljati tagħha taħt il-kontroll tagħha fil-Krimea jew f'Sevastopol, kif ukoll fergħat u entitajiet oħra li joperaw fil-Krimea jew f'Sevastopol;

(i) 'servizzi ta' investiment' tfisser is-servizzi u l-attivitajiet li ġejjin:

(i) ir-riċezzjoni u t-trasmissjoni ta' ordnijiet rigward strument finanzjarju wieħed jew iktar,

(ii) l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet f'isem klijenti,

(iii) in-negozjar fl-isem proprju,

(iv) il-ġestjoni ta' portafoll,

(v) konsulenza dwar l-investiment,

(vi) is-sottoskrizzjoni ta' strumenti finanzjarji u/jew it-tqegħid ta' strumenti finanzjarji fuq bażi ta' impenn irrevokabbli,

(vii) it-tqegħid ta' strumenti finanzjarji mhux fuq bażi ta' impenn irrevokabbli,

(viii) kwalunkwe servizz relatat mal-ammissjoni għan-negozjar f'suq regolat jew negozjar f'faċilità multilaterali tan-negozjar;

(j) 'proprjetarju ta' vapur tal-Unjoni' għandha l-istess tifsira ta' 'proprjetarju ta' vapur tal-Komunità' kif definit fl-Artikolu 2(2)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill 3577/92 (*).

(*) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 tas-7 ta' Diċembru 1992 li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu) (ĠU L 364, 12.12.1992, p. 7).".

(2) l-Artikoli 2a, 2b, 2c u 2d huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 2a*

1. Huma pprojbiti:

(a) l-akkwist ta' parteċipazzjoni ġdida jew l-estensjoni ta' kwalunkwe parteċipazzjoni eżistenti f'titolu ta' proprjetà fuq immobbli li jinsab fil-Krimea jew f'Sevastopol;

(b) l-akkwist ta' parteċipazzjoni ġdida jew l-estensjoni ta' kwalunkwe parteċipazzjoni eżistenti f'titolu ta' proprjetà fuq, jew fil-kontroll ta', entità fil-Krimea jew f'Sevastopol, inkluż l-akkwist totali ta' tali entità jew l-akkwist ta' ishma, u titoli oħrajn ta' natura parteċipattiva ta' tali entità;

(c) l-għoti, jew il-parteċipazzjoni fi kwalunkwe arranġament ta' għoti, ta' self jew kreditu jew b'xi mod ieħor l-għoti ta' finanzjament, inkluż kapital ta' ekwità, lil xi entità fil-Krimea jew f'Sevastopol, jew għall-iskop dokumentat tal-finanzjament ta' tali entità;

(d) il-ħolqien ta' kwalunkwe intrapriża konġunta fil-Krimea jew f'Sevastopol jew ma' xi entità fil-Krimea jew f'Sevastopol;

(e) l-għoti ta' servizzi ta' investiment li jkunu direttament relatati mal-attivitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (d).

2. Il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet f'dan l-Artikolu ma japplikawx għall-eżerċizzju ta' kummerċ leġittimu ma' entitajiet barra mill-Krimea jew Sevastopol fejn l-investimenti relatati ma jkunux destinati għal entitajiet fil-Krimea jew f'Sevastopol

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratt konkluż qabel l-20 ta' Diċembru 2014, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratt, sakemm l-awtorità kompetenti tkun ġiet infurmata mill-inqas ħamest ijiem ta' xogħol bil-quddiem.

Artikolu 2b

1. Huma pprojbiti l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija kif elenkati fl-Anness II:

(a) lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Krimea jew f'Sevastopol jew,

(b) għall-użu fil-Krimea jew f'Sevastopol.

L-Anness II għandu jinkludi ċerti oġġetti u teknoloġiji adatti għall-użu fis-setturi ewlenin li ġejjin:

(i) trasport;

(ii) telekomunikazzjonijiet;

(iii) enerġija;

(iv) prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni fir-rigward ta' żejt, gass u riżorsi minerali.

2. Huma pprojbiti:

(a) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' għajnuna teknika jew servizzi ta' senserija relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija kif elenkati fl-Anness II jew relatati mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' tali oġġetti lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Krimea jew f'Sevastopol jew għall-użu fil-Krimea jew f'Sevastopol;

(b) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija kif elenkati fl-Anness II, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Krimea jew f'Sevastopol jew għall-użu fil-Krimea jew f'Sevastopol.

3. Il-projbizzjonijiet taħt il-paragrafi 1 u 2, meta relatati mal-punt (b) tal-paragrafu 1, ma japplikawx fejn ma hemm l-ebda bażi raġonevoli biex jiġi determinat li l-oġġetti u t-teknoloġija jew is-servizzi taħt il-paragrafu 2 se jintużaw fil-Krimea jew f'Sevastopol.

4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni, sal-21 ta' Marzu 2015, ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratt konkluż qabel l-20 ta' Diċembru 2014 jew permezz ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti sakemm l-awtorità kompetenti tkun ġiet infurmata mill-inqas ħamest ijiem ta' xogħol bil-quddiem.

Artikolu 2c

1. Huwa pprojbit il-forniment ta' għajnuna teknika, jew servizzi ta' senserija, ta' kostruzzjoni jew ta' inġinerija li jkunu direttament relatati mal-infrastruttura fil-Krimea jew f'Sevastopol fis-setturi msemmija fl-Artikolu 2b(1) kif definiti abbażi tal-Anness II, indipendentement mill-oriġini tal-oġġetti u t-teknoloġija.

2. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni, sal-21 ta' Marzu 2015 ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratt konkluż qabel l-20 ta' Diċembru 2014, jew permezz ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratt.

3. Hija pprojbita l-parteċipazzjoni, konxjament jew bi ħsieb, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun l-evażjoni mill-projbizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 2d

1. Huwa pprojbit l-għoti ta' servizzi li jkunu direttament relatati mal-attivitajiet tat-turiżmu fil-Krimea jew f'Sevastopol.

2. B'mod partikolari, huwa pprojbit għal kwalunkwe vapur li jipprovdi servizzi tal-kruċiera, li jidħol jew jieqaf fi kwalunkwe port li jinsab fil-Peniżola tal-Krimea elenkat fl-Anness III. Din il-projbizzjoni tapplika għal vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru jew kwalunkwe vapur li jkun proprjetà u taħt il-kontroll operattiv ta' proprjetarju ta' vapur tal-Unjoni jew kwalunkwe vapur li tiegħu jkun assuma r-responsabbiltà totali operatur tal-Unjoni fir-rigward tal-operazzjoni tiegħu.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw meta vapur jidħol jew jieqaf f'wieħed mill-portijiet elenkati fl-Anness III għal raġunijiet ta' sikurezza marittima f'każijiet ta' emerġenza. L-awtorità kompetenti għandha tkun infurmata dwar id-dħul rilevanti jew waqfa fil-port fi żmien ħamest ijiem.

4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratt jew kuntratt anċillari konkluż qabel l-20 ta' Diċembru 2014, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti, sakemm l-awtorità kompetenti tkun ġiet infurmata mill-inqas ħamest ijiem ta' xogħol bil-quddiem.

Artikolu 2d

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu, taħt tali termini u kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, awtorizzazzjoni relattivament għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2a(1) u l-Artikolu 2b(2), u għall-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fl-Artikolu 2b(1) sakemm dawn ikunu:

(a) meħtieġa għal finijiet uffiċjali ta' missjonijiet konsulari jew organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu immunitajiet taħt il-liġi internazzjonali, li jkunu jinsabu fil-Krimea jew f'Sevastopol; jew

(b) relatati ma' proġetti esklussivament b'appoġġ ta' sptarijiet, jew istituzzjonijiet oħrajn tas-saħħa pubblika li jipprovdu servizzi mediċi, jew istituzzjonijiet ċivili ta' tagħlim, li jkunu jinsabu fil-Krimea jew f'Sevastopol; jew

(c) strumenti jew tagħmir għall-użu mediku.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu wkoll jagħtu, taħt tali termini u kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, awtorizzazzjoni relattivament għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2a(1), sakemm it-tranżazzjoni tkun għall-iskop ta' manutenzjoni sabiex tiġi żgurata s-sikurezza ta' infrastruttura eżistenti.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu wkoll jagħtu, taħt tali termini u kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, awtorizzazzjoni relattivament għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2a(1) u fl-Artikolu 2b(2), u għall-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fl-Artikolu 2b(1) u għas-servizzi msemmija fl-Artikolu 2c, fejn il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti, jew it-twettiq ta' dawk l-attivitajiet ikunu meħtieġa għall-prevenzjoni jew mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem, inkluża s-sigurtà ta' infrastruttura eżistenti, jew fuq l-ambjent. F'każijiet ta' emerġenza debitament ġustifikati, il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni jistgħu jipproċedu mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel, sakemm l-esportatur jinnotifika lill-awtorità kompetenti fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol wara li jkunu saru l-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, u jipprovdi dettalji dwar il-ġustifikazzjoni rilevanti għall-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar il- miżuri meħuda taħt dan il-paragrafu u għandhom jikkondividu kull informazzjoni oħra relevanti li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom."

(3) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 4

Hija pprojbita l-parteċipazzjoni, konxjament u bi ħsieb, inkluża dik indiretta, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun l-evażjoni mill-projbizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament."

(4) L-Annessi II u III huma mħassra.

(5) L-Annessi I u II ma' dan ir-Regolament jiżdiedu bħala l-Annessi II u III, rispettivament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

S. GOZI

ANNESS I

"ANNESS II

Lista ta' oġġetti u teknoloġija msemmija fl-Artikolu 2b

Kapitolu/kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott
Kapitolu 25	MELĦ; KUBRIT; TRABIJIET U ĦAĠAR; MATERJALI TAT-TIKĦIL, ĠIR U SIMENT
Kapitolu 26	MINERALI (ORES), GAGAZZA U RMIED
Kapitolu 27	KARBURANTI MINERALI, ŻJUT MINERALI U PRODOTTI TAD-DISTILLAZZJONI TAGĦHOM; SUSTANZI BITUMINUŻI; XEMGĦA MINERALI
Kapitolu 28	KIMIĊI INORGANIĊI; KOMPOSTI ORGANIĊI JEW INORGANIĊI TA' METALLI PREZZJUŻI, TA' ELEMENTI KIMIĊI METALLIĊI RARI (RARE-EARTH METALS), TA' ELEMENTI RADJOATTIVI JEW TA' ISOTOPI
Kapitolu 29	KIMIĊI ORGANIĊI
3824	Binders ippreparati għall-forom tal-funderija jew il-ġewwieni tagħhom; prodotti u preparati kimiċi tal-industriji kimiċi jew li għandhom x'jaqsmu magħhom (inklużi dawk li jikkonsistu f'taħlitiet ta' prodotti naturali), li mhumiex speċifikati jew inklużi mkien ieħor
3826 00	Bijodiżil jew taħlit tiegħu, li ma jkunx fih jew ikun fih anqas minn 70 % skont il-piż ta' żejt (petroleum) jew żjut li jinkisbu minn minerali bituminużi
Kapitolu 72	Ħadid u azzar
Kapitolu 73	Oġġetti tal-ħadid jew l-azzar
Kapitolu 74	Ram u oġġetti magħmula minnu
Kapitolu 75	Nikil u oġġetti magħmula minnu
Kapitolu 76	Aluminju u oġġetti magħmula minnu
Kapitolu 78	Ċomb u oġġetti magħmula minnu
Kapitolu 79	Żingu u oġġetti magħmula minnu
Kapitolu 80	Landa u oġġetti magħmula minnha
Kapitolu 81	Mettalli ta' valur baxx; ċermiti; oġġetti magħmula minnhom
8207 13 00	GĦODOD GĦAL TĦAFFIR TA' BLAT JEW TOQOB FL-ART, INTERKAMBJABBLI, BIL-PARTIJIET TAX-XOGĦOL TA' KARBURI JEW ĊERMITI TAL-METALL SINTERIZZATI
8207 19 10	GĦODOD GĦAL TĦAFFIR TA' BLAT JEW TOQOB FL-ART, INTERKAMBJABBLI, BIL-PARTI TAX-XOGĦOL TAD-DJAMANT JEW DJAMANT AGGLOMERAT
8401	Reatturi nukleari; elementi ta' fjuwil (skratać), mhux mixgħulin (non-irradiated), għal reatturi nukleari; makkinarju u apparat għal separazzjoni isotopika:

Kapitolu/kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott
8402	Bojlers li jiġġeneraw stim jew fwar ieħor (ħlief bojlers ta' mishun ta' tishin ċentrali li jistgħu jipproduċu wkoll stim ta' pressjoni baxxa); bojlers ta' ilma sopra-msaħħnin:
8403	Bojlers tat-tishin ċentrali minbarra dawk tat-titlu Nru 8402
8404	Impjant awżiljarju għall-użu ma' bojlers tat-titlu 8402 jew 8403 (pereżempju, ekonomizzaturi, superheaters, magni li jneħħu l-faħam, li jirkupraw il-gass); kondensur għall-fwar jew unitajiet tal-enerġija tal-fwar
8405	Ġeneraturi ta' gass produttur (producer gas) jew gass tal-ilma, bil-purifikaturi tagħhom jew le; ġeneraturi ta' gass ta' aċitilena u ġeneraturi simili ta' gass bi proċess ta' ilma, bil-purifikaturi tagħhom jew le
8406	Turbini ta' stim u turbini ta' fwar ieħor:
8407	Magni b'kombustjoni interna bil-pistuni alternanti jew rotatorji li jaqbdu bix-xrar
8408	Magni bil-pistuni b'kombustjoni interna u li jitqabbdu permezz ta' kompressjoni (magni bid-diżil jew semidiżil):
8409	Partijiet tajbin għal użu biss jew prinċipalment mal-magni ta' intestatura 8407 jew 8408
8410	Turbini idrawliċi, roti tal-ilma, u regulaturi għalihom
8411	Turbo ġettijiet, turbo skrejjen u turbini oħrajn ta' gass
8412	Magni u muturi oħra
8413	Pompi għal likwidi, mgħammrin b'apparat għal kejl jew le; magni ta' rfigħ għal likwidi:
8414	Pompi bl-arja jew bil-vakwu, kompressuri u fannijiet ta' arja jew gass ieħor; għata għal ventilazzjoni jew għal riċiklaġġ li fihom fann, mgħammar bil-filtri jew le
8415	Magni tal-arja kundizzjonata, li fihom fann bil-mutur u elementi biex wieħed jibdel it-temperatura u l-umdità, inklużi dawk il-magni li fihom l-umdità ma tistax tkun irregolata separatament
8416	Berners tal-fuklari għal fjuwil likwidu, għal fjuwil solidu mfarrak jew għal gass; apparat mekkaniku li jnajjar il-bajli, inklużi l-gradilji tagħhom, skargaturi mekkaniċi ta' rmied u apparat simili
8417	Fuklari industrijali jew tal-laboratorju u fran, inklużi inċineraturi, mhux elettriċi
8418	Refriġeraturi, friżers u tagħmir ieħor li jkessaħ jew jiffriża, elettriku jew mod ieħor; pompi tas-shana ħlief magni tal-arja kundizzjonata ta' intestatura 8415
8420	Magni tal-ikkalendar jew magni oħrajn ta' trembil, ħlief għal metall jew ħgieġ, u ċilindri għalihom
8421	Magni ċentrifugi, inklużi magni ċentrifugi li jnixxfu; makkinarju u tagħmir li jiffiltraw jew isaffu, għal likwidi jew gassijiet
8422	Magni għal ħasil tal-platti; makkinarju għat-tindif jew tnixxif ta' fliexken jew kontenituri oħrajn; makkinarju għal mili, għeluq, issiġillar jew tikkettjar ta' fliexken, bottijiet, kaxxi, boroż jew kontenituri oħrajn; makkinarju għall-inkapsular ta' fliexken, vażetti, tubi jew kontenituri simili; makkinarju ieħor għall-ippakkjar jew it-tgeżwir (inkluż makkinarju ta' tgeżwir li jiqsar u jintrass bis-shana (heat-shrink); makkinarju li jissupplixxi l-arja fix-xorb
8423	Makkinarju tal-użin (esklużi mwieżen ta' sensittivita ta' 5 cg jew aħjar), inklużi magni tal-għadd jew verifika mħaddma bil-piż; piżijiet ta' kull tip għal magni tal-użin

Kapitolu/kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott
8424	Tagħmir mekkaniku (tal-idejn jew le) għal xħit, tixrid jew traxxix ta' likwidi jew trabijiet; apparat għat-tifi tan-nar, ikkargat jew le; apparat għat-traxxix u tagħmir simili; magni ta' stim jew tindif bit-tfigħ tar-ramel (sandblasting) u magni simili li jixħtu bil-ġettijiet
8425	Sett ta' taljoli u paranki ħlief paranki ta' gaġeġ (skip-hoists); winċijiet u kapstani; ġakkijiet
8426	Deriks ta' vapuri; krejnijiet, inklużi l-krejnijiet tal-kejbil; oqfsa tat-tqandil mobbli, straddle carriers u trakkijiet tax-xogħol iffittjati bi krejn
8427	Trakkijiet fork-lifters; trakkijiet tax-xogħol oħra iffittjati b'tagħmir għat-tqandil jew għall-maniġġar tat-tagħbija
8428	Makkinarju ieħor għall-irfigħ, maniġġar jew ħatt tat-tagħbija (pereżempju, lifts, escalators, ċintorini, teleferics
8429	Buldożers, raspi, grejders, magni li jinvellaw, barraxi, pali mekkaniċi, gafef, magni għat-tagħbija ta' pali, magni għat-tbattim (tamping machines) u rombli tat-triq awtopropulsivi
8430	Makkinarju ieħor għal ċaqliq, iggradar, livellar, brix, tħaffir, ibbatmar, ikkompattar, qlugħ jew tħaffir tal-art, minerali jew metalli mhux maħdumin; magni li jwaħħlu l-puntali fl-art u magni li jneħħuhom; imħaret tas-silġ u magni li jtajru s-silġ (snowblowers)
8431	Bċejjeċ tajbin biss jew prinċipalment għal użu mal-makkinarju ta' intestaturi 8425 sa 8430
8432	Makkinarju agrikolu, ortikulturali jew tal-forestrija għal preparazzjoni jew kultivazzjoni tal-ħamrija; rombli għal lawn jew għal terran tal-isports
8435	Preses, magni li jfarrku u makkinarju simili użat fil-manifattura ta' inbid, sidru, meraq tal-frott jew xarbiet simili
8436	Makkinarju ieħor agrikolu, ortikulturali, għall-forestrija, għat-trobbija tat-tjur jew għat-trobbija tan-naħal, inklużi impjant tal-ġelbin mgħammar b'apparat mekkaniku jew termiku; inkubaturi u tagħmir għat-trobbija tat-tjur
8437	Magni li jnaddfu, jagħżlu u jiggradaw iż-żrieragħ, qmugħ jew veġetali leguminużi nixfin; makkinarju użat fl-industrija tat-tħin jew biex jinħadmu ċereali jew veġetali leguminużi nixfin, ħlief makkinarju ta' tip tal-irziezet
8439	Makkinarju biex jagħmel polpa minn materjal ċellulożiku fibruż jew makkinarju li jagħmel jew jorqom karta jew kartun
8440	Makkinarju għal illegar tal-kotba, inklużi magni tal-ħjata tal-kotba
8441	Makkinarju ieħor biex issir il-polpa tal-karta, karta jew kartun, inklużi magni ta' qtugħ ta' kull għamla
8442	Makkinarju, apparat u tagħmir (ħlief l-għodod tal-magni tat-titoli minn 8456 sa 8465) għat-tħejjija jew il-manifattura ta' pjanċi, ċilindri jew komponenti oħra ta' stampar; pjanċi, ċilindri u komponenti oħra ta' stampar; pjanċi, ċilindri u ġebel litografiku, imħejjijin għal għanijiet ta' stampar (per eżempju, illixxati, ivvinati jew illustrati)
8443	Makkinarju għal stampar użat biex jistampa permezz ta' pjanċi, ċilindri u komponenti oħrajn tal-istampar ta' intestatura 8442; stampaturi oħrajn, magni għall-ikkuppjar u l-faks, ikkumbinati jew le; bċejjeċ u aċċessorji tagħhom

Kapitolu/kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott
8444 00	Makkinarju għall-estrużjoni, il-ġbid, it-texturing jew il-qtugħ ta' tessuti magħmula mill-bniedem:
8445	Magni biex jippreparaw fibri ta' tessuti; għażil, magni tal-irduppjar u tat-tidwir u makkinarju ieħor għall-produzzjoni tal-ħjut tat-tessut; magni għal irrumblar jew tkebbib (inkluż tkebbib fuq it-tagħma) u magni biex jippreparaw ħjut tessili għal użu fuq il-magni ta' intestatura 8446 jew 8447
8447	Magni tas-suf ċatti, magni li jgħaqqdu l-ponti u magni biex jagħmlu ħjut mibrumin (gimped), tull, bizzilla, rakkmu, tirqim, malji jew xibka u magni tat-trapuntar
8448	Makkinarju awżiljarju għal użu ma' magni ta' intestatura 8444, 8445, 8446 jew 8447 (pereżempju, apparat għan-newl dobbies u jacquards, twaqqif ta' moviment awtomatiku, mekkaniżmi biex jibdlu l-mekkuk); partijiet u aċċessorji tajbin għal użu biss jew prinċipalment mal-magni ta' din l-intestatura jew tal-intestaturi 8444, 8445, 8446 jew 8447 (per eżempju, mgħażel u flajers tal-imgħażel, strixxi bil-wajer ippuntat għal magni tat-tqardix (card clothing), mxat, bżieżel tal-ħruġ, mkiekek, nirien tan-newl u gwarniċi ta' nirien, labar tal-kalzetti)
8449 00 00	Makkinarju għall-manifattura jew irfinar ta' feltru jew mhux minsuġin bil-biċċa jew f'forom, inkluż makkinarju biex isiru kpiepel tal-feltru; blokok biex isiru l-kpiepel
8450	Magni tal-ħasil għad-djar jew għal-laundry, inklużi magni li jaħslu kif ukoll inixxfu:
8452	Magni tal-ħjata, ħlief magni tal-ħjata għall-kotba tat-titlu 8440; għamara, bażijiet u għata ddisinjati speċifikament għal magni tal-ħjata; labar tal-magni tal-ħjata
8453	Makkinarju li jipprepara, ikkunzar jew jaħdem ġlud ħoxnin, ġlud oħra jew ġilda jew biex isiru jew jigu msewwija żraben jew affarijiet oħra tal-ġlud ħoxnin, ġlud oħra jew ġilda, minbarra magni tal-ħjata
8454	Reċipjenti ta' raffinar (converters), kuċċaruni, forom ta' ingotti u magni tal-forom għat-tidwib, ta' tip użati fil-metallurġija jew f'funderiji tal-metall
8455	Preses li jirrumblaw il-metall jew rombli tagħhom
8456	Għodod tal-magni għax-xogħol fuq kull materjal bit-tneħħija ta' materjal, bil-lejżer jew raġġ ieħor ta' dawl jew foton, raġġ ultrasoniku, ta' skarg elettriku, elettrokimiku, ta' elettron, raġġ joniku jew proċessi ta' ark ta' plażma; magni tal-qtugħ b'ġettijiet ta' ilma
8457	Ċentri tal-magni, unitajiet tal-kostruzzjoni tal-magni (bi stazzjon wieħed) u magni għat-trasferiment b'ħafna stazzjonijet, biex jinħadem il-metall
8458	Tornijiet (inklużi ċentri ta' inturnar) għat-tneħħija ta' metall
8459	Għodod tal-magni (inklużi magni way-type b'ras waħda) għal thaffir, titqib, thin, ħjata jew tapping bit-tneħħija tal-metall, minbarra tornijiet (inklużi ċentri ta' inturnar) tat-titlu 8458
8460	Għodod tal-magni biex ineħħu x-xfar, iraqqu, iħokku, isinnu, jirbattu, jillustraw jew jirfinaw mod ieħor metall jew ċermiti permezz ta' ħaġar tal-mola, sustanzi li joborxu jew prodotti tal-lostru, ħlief magni li jaqtgħu gerijiet, iħokku ġerijiet jew jirfinaw gerijiet ta' titlu 8461
8461	Għodod mekkaniċi, biex jinċanaw, jifformaw, ixaqqu, itaqqbu, għal qtugħ tal-gerijiet, titqib tal-gerijiet jew tlestija tal-gerijiet, issegar, qtugħ u għodod mekkaniċi oħrajn li jaħdmu bit-tneħħija tal-metall, jew ċermiti, mhux speċifikati jew inklużi xi mkien ieħor

Kapitolu/kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott
8462	Għodod tal-magni (inklużi preses) biex jinħadem metall bit-tisħin fil-forġa, immartellar jew stampar ġol-forom; għodod tal-magni (inklużi preses) biex jinħadem metall bit-tgħawwiġ, tini, iddrittar, iċċattjar, għafis, titqib jew qtugħ ta' talji; preses għal xogħol ta' metall jew karburi tal-metall, mhux imsemmijin fuq
8463	Għodod tal-magni oħrajn biex jinħadem metall jew ċermiti, mingħajr ma jitneħħa materjal
8464	Għodod tal-magni biex jaħdmu l-ġebla, ċeramika, konkos, siment-asbestos jew materjali minerali bħalhom jew għal xogħol ta' ħġieġ fil-kiesaħ
8465	Għodod tal-magni (inklużi magni biex isammru, jistejpiljaw, jinkullaw jew jimmuntaw mod ieħor) biex jaħdmu injam, sufra, għadam, lastiku iebes, plastiks ibsin jew materjali simili ibsin
8466	Partijiet u aċċessorji tajbin biss jew prinċipalment għal użu mal-magni ta' titli 8456 sa 8465, inklużi rbit għax-xogħol jew għall-għodda, irjus ta' forom jinfetħu waħedhom (dieheads), irjus li jifirdu u żjidiet oħrajn speċjali għal għodod ta' magni; manki għall-għodda għal kull tip ta' għodda biex taħdem fl-idejn
8467	Għodod biex jaħdmu fl-idejn, pnewmatiċi, idrawliċi jew b'mutur elettriku jew mhux-elettriku fihom stess
8468	Makkinarju u apparat għall-issaldjar, ibbrejżjar jew iwweldjar, kemm jekk jista' jaqta' kif le, ħlief dawk ta' intestatura 8515; magni u tagħmir li jaħdmu bil-gass biex jittempraw il-wiċċ
8469 00	Tajprajters minbarra l-printers ta' intestatura 8443; magni għall-ipproċessar tal-kliem (word-processing)
8470	Magni li jikkalkulaw u magni qies tal-but b'funzjonijiet li jikkalkulaw biex jirreġistraw, jirriproduċu u juru data; magni għal kontabbiltà, magni tal-iffrankar tal-posta, magni li jagħtu l-biljetti u magni simili, li fihom mezz li jikkalkula; cash registers
8471	Magni awtomatiċi għall-ipproċessar tad-data u unitajiet tagħhom; apparat li jaqra b'sistema manjetika jew ottika, magni biex jittraskrivu data fuq mezzi ta' data f'għamla ikkowdjata u magni biex jipproċessaw din id-data, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra
8472	Magni oħrajn tal-uffiċċju (pereżempju, duplikaturi bl-ettograf jew stensil, magni tal-indirizzi, distributuri awtomatiċi tal-karti tal-flus, magni li jagħżlu l-muniti, magni li jgħoddu jew iġeżwru l-muniti, magni li jittempraw lapsijiet, magni li jtaqqbu jew li jistejpiljaw)
8473	Partijiet u aċċessorji (ħlief għata, bagalji biex jinġarru fihom u x-xorta) tajbin biss u prinċipalment għal użu ma' magni ta' intestaturi 8469 sa 8472
8474	Makkinarju li jagħżel, jgħarbel, jissepara, jaħsel, ifarrak, jitħan, iħallat jew jagħġen trab tal-art, ġebel, metall mhux maħdum jew sustanzi minerali oħrajn, f'forma solida (inklużi trab u pasta); makkinarju li jgħaqqad, jagħti sura jew jifforma karburanti minerali solidi, pasta taċ-ċeramika, simenti mhux imwebbsin, materjali tat-tikħil jew prodotti minerali oħrajn f'forma ta' trab jew pasta; magni għall-iffurmar ta' forom tal-funderija tar-ramel
8475	Makkinarju għall-assemblaġġ ta' lampi tal-elettriku jew elettroniċi, tubi jew valvi jew bozoz tal-flaxx, f'enveloppi tal-ħġieġ; magni għall-manifattura jew ħidma bis-sħana ta' ħġieġ jew oġġetti tal-ħġieġ
8476	Magni awtomatiċi għal bejgħ ta' oġġetti (pereżempju, magni tal-bolol postali, sigaretti, ikel jew xorb), inklużi magni li jsarrfu l-flus

Kapitolu/kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott
8477	Makkinarju għal xogħol tal-lastiku jew plastiks jew għall-manifattura ta' prodotti minn dawn il-materjali, mhux speċifikat jew inkluż band'oħra f'dan il-kapitolu
8478	Makkinarju li jipprepara jew jaħdem tabakk, mhux speċifikat jew inkluż band'oħra f'dan il-kapitolu
8479	Magni u apparat mekkaniku b'funzjonijiet individwali, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra f'dan il-kapitolu
8480	Kaxxi tal-forom għall-funderiji tal-metalli; bażijiet ta' forom; disinni ta' forom; forom għall-metall (ħlief forom ta' lingotti), karburi ta' metall, ħġieġ, materjali minerali, lastiku jew plastiks
8481	Viti, cocks, valvi u tagħmir simili għal pajpijiet, qxur ta' kaldaruni, tankijiet, btieti jew bħalhom, inklużi valvi biex inaqqsu l-pressa u valvi ikkontrollati b'mod termostatiku
8482	Bolberings jew rolerberings
8483	Xaftijiet ta' trasmissjoni (inklużi kamxafts u krankxafts) u krankijiet; ilqugħ tal-berings u berings tax-xaft lixxi; gerijiet u settijiet ta' gerijiet; viti tal-boċċi jew tar-rombli; kaxex tal-gerijiet u oġġetti oħrajn li jibdlu l-veloċità, inklużi torque convertors; flywheels u tarjoli, inklużi blokok ta' tarjoli; klaċċijiet u iggaranċjar tax-xaft (couplings) (inklużi universal joints)
8484	Gaskits u ġonot simili ta' folji tal-metall ikkombinati ma' materjal ieħor jew ta' żewġ saffi jew aktar ta' metall; settijiet jew assortimenti ta' gaskits u ġonot simili, mhux l-istess fil-kompożizzjoni, ippreżentati f'boroż, envelops jew imballaġġ simili; siġilli mekkaniċi
8486	Magni u apparat ta' tip użat biss jew b'mod prinċipali għall-manifattura ta' boules jew wejfers semikondutturi, apparat semikonduttur, ċirkwiti integrati elettroniċi jew displejs b'pannelli ċatti; magni u apparat speċifikat fin-nota 9(C) għal dan il-kapitolu; partijiet u aċċessorji
8487	Partijiet ta' makkinarju, mingħajr armar ta' konnessjoni elettrika, insulaturi, coils, kuntatti jew karatteristiċi elettriċi oħrajn, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra f'dan il-kapitlu
8501	Muturi u ġeneraturi elettriċi (ħlief settijiet ta' ġenerazzjoni)
8502	Settijiet ta' ġenerazzjoni u converters rotatorji tal-elettriku
8503	Partijiet li huma esklużivament jew prinċipalment maħsuba għall-muturi u l-magni li jiġġeneraw l-elettriku, settijiet ta' ġenerazzjoni jew converters rotatorji tal-elettriku mhux speċifikati jew inklużi band'oħra
8504	Trasformaturi elettriċi, converters tal-elettriku statiċi (p.eż. rettifikaturi), apparati ta' induzzjoni u ta' awtoinduzzjoni, u l-partijiet tagħhom
8505	Elettrokalamiti (ħlief għal użu mediku); kalamiti permanenti u oġġetti maħsuba biex isiru kalamiti permanenti wara manjetizzazzjoni; ċokks, klampijiet u mezzi manjetiċi jew elettromanjetiċi simili li jeħlu; couplings, klaċċijiet, kaxex tal-brejkijiet u brejkijiet elettromanjetiċi; irjus ta' rfigħ elettromanjetiċi; il-partijiet tagħhom
8507	Akkumulaturi tal-elettriku, inklużi s-separaturi tagħhom, anke ta' forma kwadra jew rettangolari, u l-partijiet tagħhom (ħlief dawk li ma jintużawx u ħlief dawk tal-gomma iebsa jew il-materjali tessili)
8511	Tagħmir tal-elettriku biex iqabbad jew jistartja muturi li jaqbdu bi spark ignition jew bil-kompressjoni (per eżempju, manjeti għat-tqabbid, dinamos bil-manjete, kojlaturi tat-tqabbid, sparking plugs u glow plugs, muturi għall-istartjar); ġeneraturi (per eżempju, dinamos, alternaturi) u cut-outs ta' tip użati flimkien ma' dawn il-magni, u l-partijiet tagħhom

Kapitolu/kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott
8514	Fran tal-elettriku industrijali jew tal-laboratorju, inklużi dawk li jaħdmu b'induzzjoni jew b'telf dielettriku (ħlief il-fran għat-tnixxif); tagħmir ieħor industrijali jew tal-laboratorju għat-trattament bissħana ta' materjali b'induzzjoni jew telf dielettriku, u l-partijiet tagħhom
8515	Magni u apparat elettriċi għall-ibbrejżar jew l-iwweldjar, u li anke jistgħu jaqtgħu, inkluż dawk bil-gass li jissħnu bl-elettriku, jew li jaħdmu bil-lejżer, bid-dawl, b'fotons jew b'elettroni, b'raġġi ultrasoniċi, b'polz manjetiku jew arka ta' plażma; magni u apparati elettriċi u tagħmir għall-isprejjar bissħana ta' metalli, ta' metall karbur jew ċermiti; il-partijiet tagħhom (ħlief sprejs tas-sħana)
8525	Tagħmir ta' trasmissjoni għax-xandir fuq ir-radju jew it-televiżjoni, li jinkorpora jew le tagħmir li jirċievi jew tagħmir li jirreġistra l-ħoss jew li jirriproduċi; kameras tat-televiżjoni, kameras diġitali u vidjokameras li jirrekordjaw
8526	Tagħmir tar-radar, tagħmir bir-radju għall-għajnuna fin-navigazzjoni u tagħmir bir-radju bir-remote control
8527	Apparat ta' riċezzjoni tax-xandir bir-radju, kemm jekk ikkumbinat jew le, fl-istess kaxxa (housing), ma' apparat għar-registrazzjoni jew riproduzzjoni jew arloġġ:
8528	Moniters u projetturi, li ma jinkorporawx apparat ta' riċezzjoni għat-televiżjoni; tagħmir ta' riċezzjoni għat-televiżjoni, kemm jekk jinkorpora u kemm jekk ma jinkorporax fih tagħmir ta' riċezzjoni tax-xandir bir-radju jew tagħmir għar-reġistrar jew riproduzzjoni tal-ħoss jew tal-vidjow
8529	Partijiet xierqa għall-użu biss jew prinċipalment mat-tagħmir tal-intestaturi 8525 sa 8528
8530	Tagħmir ta' sinjalar tal-elettriku (ħlief għat-trasmissjoni ta' messaġġi), ta' sigurtà, ta' kontroll jew ta' kmand għal ferroviji jew simili, toroq jew kanali interni, faċilitajiet għal ipparkjar, installazzjonijiet tal-port jew wesgħat tal-avjazzjoni, u l-partijiet tagħhom (ħlief l-apparati mekkaniċi jew elettromekkaniċi tan-nru 8608)
8531	Apparat tas-sinjalar tal-elettriku akustiku jew viżwali, u l-partijiet tagħhom (pereżempju, qniepen, sireni, pannelli indikaturi, allarmi tas-serq jew tan-nar) (ħlief għall-karozzi, ir-roti jew il-mezzi ta' komunikazzjoni)
8532	Capacitors tal-elettriku, fissi, varjabbli jew li jaġġustaw ruħhom, u l-partijiet tagħhom
8533	Reżisturi tal-elettriku għat-tisħin, u l-partijiet tagħhom, inklużi reostati u potenzjometri
8534	Ċirkwiti stampati
8535	Apparat elettriku biex jixgħel (switching) jew jipproteġi ċirkuwiti elettriċi, jew biex joħloq konnessjonijiet ma' jew ġo ċirkuwiti elettriċi (pereżempju, swiċċijiet, fjusijiet, apparat li jilqa' s-sajjetti, apparat li jillimita l-vultaġġ, apparat li jrażżan it-tlugħ f'daqqa tal-kurrent, plaggs u konnekters oħrajn u kaxxi fejn jingħaqdu l-kejbils), għal vultaġġ ogħla minn 1 000 V (ħlief il-kabinetti, skrivaniji, kontrolluri eċċ. tan-nru 8537)
8536	Apparat elettriku biex jinxtegħlu, jew jipproteġi ċirkwiti elettriċi, jew biex joħloq konnessjonijiet ma' jew ġo ċirkwiti elettriċi (pereżempju, swiċċijiet, fjusijiet, apparat li jilqa' s-sajjetti, apparat li jillimita l-vultaġġ, apparat li jrażżan it-tlugħ f'daqqa tal-kurrent, plaggs u konnekters oħrajn u kaxxi fejn jingħaqdu l-kejbils), għal vultaġġ ogħla minn 1 000 V (ħlief il-kabinetti, skrivaniji, kontrolluri eċċ. tan-nru 8537)
8537	Bords, pannelli, pannelli għall-kontroll (consoles), skrivaniji, armarji u bażijiet oħrajn li fihom diversi apparati tan-Nru 8535 jew 8536, għal kontroll elettriku jew għad-distribuzzjoni tal-elettriku, inklużi dawk li fihom strumenti jew apparat tal-Kapitolu 90, kif ukoll armarji ta' kontroll diġitali (ħlief apparat ta' switching telefoniku jew telegrafiku bil-wajers jew videofoni)

Kapitolu/kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott
8538	Partijietli huma esklussivament jew prinċipalment maħsuba għal apparati tan-Nru 8535, 8536 jew 8537, mhux speċifikati jew inklużi band' oħra
8539	Bozoz u tubi tal-elettriku bil-filament jew skarg, inklużi unitajiet imsejħa bozoz raġġ-issiġillat u lampi ultravjola u infraħomor; bozoz b'arka; il-partijiet tagħhom
8540	Lampi, tubi u valvi elettroniċi b'katodu kiesaħ, b'fotokatodu kiesaħ jew b'fotokatodu (p. eż. lampi, tubi u valvi vakwi jew mimlijin bil-fwar jew bil-gass, tubi tal-merkurju li jirrettifikaw l-arka, tubi katodiċi, tubi u valvi tal-kamera tat-televiżjoni), u l-partijiet tagħhom
8541	Dijodi, tranżituri u mezzi simili għal semikondutturi; mezzi fotosensittivi għal semikondutturi, inklużi ċelloli fotovoltajċi kemm jekk immuntati f'moduli jew magħmulin f'pannelli (ħlief ġeneraturi fotovoltajċi); dijodi li jarmu d-dawl; kristalli pjeżo tal-elettriku ingastati, u l-partijiet tagħhom
8542	Ċirkwiti integrati elettroniċi, u l-partijiet tagħhom
8543	Magni u apparat elettriċi, b'funzjonijiet individwali, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra fil-Kapitolu 85, u l-partijiet tagħhom
8544	Wajers, kajbils iżolati, inkluż kejbils koassjali, b'użu elettriku u kondutturi iżolati oħrajn għall-elettriku, anke żmaltati jew anodizzati mgħammrin b'konnekters jew le; kejbils ta' fibri ottiċi, magħmula minn fibri miksija individwalment, sew jekk immuntati ma' kondutturi elettriċi u sew jekk le jew iffittjati b'konnetturi
8545	Elettrodi tal-karbonju, xkupilji tal-karbonju, lampi tal-karbonju jew għal batteriji u oġġetti oħra tal-grafita jew ta' karbonju ieħor, b'metall jew mingħajr metall, għal użu elettriku
8546	Iżolaturi elettriċi ta' kull materjal (ħlief il-partijiet iżolanti)
8547	Partijiet li jiżolaw għal magni, għodod jew tagħmir elettriku, li huwa tagħmir kompletament ta' materjal iżolatur ħlief'xi komponenti minuri ta' metall (pereżempju, sokits bil-kamin) imdaħħlin waqt id-dħul fil-forma sempliċiment għal għanijiet ta' mmuntar (ħlief iżolaturi tan-nru 8546); tubi tal-kondjuwit tal-elettriku għalihom, inklużi l-konnessjonijiet tagħhom, ta' metall ta' valur baxx miksi b'materjal iżolatur
8548	Skart u fdal ta' ċelluli primarji, batteriji primarji u akkumulaturi elettriċi; ċelluli primarji maħruqin, batteriji primarji u akkumulaturi tal-elettriku li jkunu spiċċaw; partijiet ta' elettriku ta' magni jew apparat, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra fil-Kapitolu 85
	Prodotti kunfidenzjali tal-Kapitolu 85; merkanzija tal-Kapitolu 85 trasportati bil-posta jew pakketti postali (*extra*)/kodiċi rikostitwit għad-diffużjoni statistika
Kapitolu 86	Lokomotivi tal-ferrovija jew tat-tramm, materjal ferrovjarju fuq ir-roti u partijiet tiegħu; tagħmir fiss u aċċessorji tal-binarji tal-ferrovija jew tat-tramm u partijiet minnhom; tagħmir mekkaniku (inkluż dak elettromekkaniku) għas-sinjalar tat-traffiku ta' kull tip
8701	Tratturi (minbarra trakters tat-titolu 8709):
8702	Vetturi bil-mutur għat-trasport ta' għaxar persuni jew aktar, inkluż ix-xufier:
8704	Vetturi bil-mutur għat-trasport ta' prodotti:
8705	Vetturi bil-mutur b'għanijiet speċjali, ħlief dawk prinċipalment maħsubin għat-trasport ta' persuni u oġġetti (per eżempju, trakkijiet għall-ħsarat, trakkijiet krejn, vetturi għat-tifi tan-nar, trakkijiet tal-miksers tal-konkos, trakkijiet għall-knis tat-toroq, trakkijiet biex ibexxu, ħwienet tax-xogħol mobbli, unitajiet radjoloġiċi mobbli):

Kapitolu/kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott
8706 00	Xażijiet armati bil-magni, għall-vetturi ta' intestaturi 8701 sa 8705
8709	Trakkijiet tax-xogħol, awtopropulsivi, mhux armati b'tagħmir ta' rfigħ jew maniġġar, tat-tip użat f'fabbriki, maħżen, madwar bażiri jew ajruporti għal trasport fil-qosor ta' oġġetti; tratturi tat-tip użat fuq pjattaformi ta' stazzjonijiet tal-ferrovija; partijiet ta' dawn il-vetturi ta' hawn fuq
8710 00 00	Tankijiet u vetturi oħrajn korazzati tal-ġlied, immotorizzati, mgħammrin b'armi jew le, u partijiet ta' dawn il-vetturi
8716	Trejlers u semi-trejlers; vetturi oħrajn, mhux immexxijin b'mod mekkaniku; partijiet tagħhom
Kapitolu 88	Inġenji tal-ajru, inġenji tal-ispazju, u partijiet tagħhom
Kapitolu 89	Vapuri, dgħajjes u strutturi li jżommu f'wiċċ l-ilma
Kapitolu 98	Makkinarju industrijali komplet
7106	Fidda (inkluża fidda miksija bid-deheb jew platinu), mhux maħduma jew f'għamliet semi-manifatturati, jew f'għamla ta' trab
7107	Metalli ta' valur baxx miksijin bil-fidda, mhux maħdumin aktar minn stat semimanifatturat
7108	Deheb (inkluż deheb miksi bi platinu), mhux maħdum jew f'għamliet semi-manifatturati, jew f'għamla ta' trab
7109	Metalli ta' valur baxx jew fidda, miksijin bid-deheb, mhux maħdumin aktar minn stat semimanifatturat
7110	Platinu, mhux maħdum jew f'għamliet semi-manifatturati, jew f'għamla ta' trab
7111	Metalli ta' valur baxx, fidda jew deheb, miksijin bil-platinu, mhux maħdumin aktar minn stat semimanifatturat
7112	Skart u fdal ta' metall prezzjuż jew ta' metall miksi b'metall prezzjuż; skart u fdal ieħor li fihom metall prezzjuż jew komposti ta' metall prezzjuż, ta' tip użat l-aktar għall-irkupru ta' metall prezzjuż
9013	Mezzi ta' kristall likwidu li mhumiex oġġetti stipulati iktar speċifikament f'titoli oħrajn; lasers, ħlief dijodi tal-laser; tagħmir u strumenti oħrajn ottiċi, mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor f'dan il-kapitolu:
9014	Boxxli biex wieħed isib id-direzzjoni; strumenti u tagħmir ieħor għat-tbaħħir:
9015	Strumenti u tagħmir għall-kejl tal-art (surveying) (inkluż kejl fotogrammetriku), idrografiċi, oċeanografiċi, idroloġiċi, meteoroloġiċi jew ġeofiżiċi, ħlief boxxli; telemetri
9025	Idrometri u strumenti simili li jżommu f'wiċċ l-ilma, termometri, pirometri, barometri, igrometri u psikrometri, li jirreġistraw jew le, u kwalunkwe taħlita ta' dawn l-istrumenti
9026	Strumenti u apparat għal kejl jew verifika tal-fluss, livell, pressjoni jew kwantitajiet varjabbli ta' likwidi jew gassijiet (pereżempju, arloġġi li jikkalkulaw il-fluss, kejl ta' livell, manometri, arloġġi li jikkalkulaw is-sħana), ħlief strumenti u apparat ta' intestatura 9014, 9015, 9028 jew 9032

Kapitolu/kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott
9027	Strumenti u apparat għal analiżi fiżika jew kimika (pereżempju, polarimetri, rifrattometri, spettrometri, apparat għall-analiżi ta' gass jew duħħan); strumenti u apparat għal kejl jew verifika ta' viskożità, porożità, espansjoni, tensjoni tal-wiċċ jew bħalhom; strumenti u apparat għal kejl jew iċċekkjar ta' kwantitajiet ta' sħana, ħoss jew dawl (inklużi arloġġi ta' espożizzjoni); mikrotomi
9028	Arloġġi għal forniment jew produzzjoni ta' gass, likwidu jew elettriku, inklużi arloġġi għal kejl tagħhom
9029	Apparat għal kejl ta' dawran, apparat għal kejl ta' produzzjoni, tassimetri, milometri, pedometri u bħalhom; indikaturi ta' veloċità u takometri, ħlief dawk tat-titolu 9014 jew 9015; stroboskopji
9030	Ossilloskopji, analizzaturi tal-ispettru jew strumenti u apparat ieħor għal kejl jew ivverifikar ta' kwantitajiet elettriċi, ħlief arloġġi tat-titolu 9028; strumenti u apparat għal kejl jew qbid ta' radjazzjonijiet ta' raġġi alfa, beta, gamma, raġġi-X, kosmiċi jew oħrajn li jonizzaw
9031	Strumenti, tagħmir u magni għal kejl jew iċċekkjar, mhux imsemmijin jew inklużi mkien ieħor f'dan il-kapitlu; proġetturi għal profili:
9032	Strumenti awtomatiċi li jirregolaw jew jikkontrollaw u tagħmir
9033	Partijiet u aċċessorji (mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor f'dan il-kapitolu) għal magni, tagħmir, strumenti jew apparat ta' Kapitolu 90"

ANNESS II

"ANNESS III

Lista ta' portijiet li jinsabu fil-Peniżola tal-Krimea msemmija fl-Artikolu 2d

1. Sevastopol
2. Kerch
3. Yalta
4. Theodosia
5. Evpatoria
6. Chernomorsk
7. Kamysh-Burun"